

EMENDI 001-053

mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapport

Marita Ulvskog

A8-0064/2017

Il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

Proposta għal direttiva (COM(2016)0248 – C8-0181/2016 – 2016/0130(COD))

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Id-Direttiva 2004/37/KE għandha l-għan li tħares il-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom mill-espożizzjoni **għall-karċinoġeni jew il-mutaġeni** fuq il-post tax-xogħol u **li** tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal dak l-għan inklużi valuri limitu, abbażi tad-dejta xjentifika u teknika disponibbli.

Emenda

(1) Id-Direttiva 2004/37/KE għandha l-għan li tħares il-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom mill-espożizzjoni **għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi reprotossiċi** fuq il-post tax-xogħol **u** tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal dak l-għan inklużi valuri limitu, abbażi tad-data xjentifika u teknika disponibbli, **il-fattibbiltà ekonomika, valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u d-disponibbiltà ta' protokollu u tekniki tal-kejl tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol. Ir-rekwiżiti inklużi f'dik id-Direttiva għandhom l-għan li jiproteġu lill-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni u jridu jitqiesu bħala l-minimu. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti aktar stretti.**

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Huwa essenzjali li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, b'mod speċjali meta jkun hemm inċertezzi dwar l-impatt fuq is-saħħa tal-ħaddiema meta jiġu f'kuntatt ma' sustanzi u t-taħlitiet tagħhom jew meta ma jkunx hemm biżżejjed data xjentifika u teknika disponibbli.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Il-valuri limitu għandhom jiġu riveduti meta meħtieġ fid-dawl tad-dejta xjentifika.

(2) Fid-dawl tad-data xjentifika u teknika ġdida u l-aħjar Prattiki bbażati fuq l-evidenza, u t-tekniki u l-protokolli għal kejl tal-livelli ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol, id-Direttiva 2004/37/KE, inklużi l-valuri limitu okkupazzjonali vinkolanti previsti, jenħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid b'mod regolari, tal-inqas kull ħames snin, u, meta jkun meħtieġ, tiġi riveduta kif xieraq. Tali reviżjonijiet jenħtieġ li jqisu r-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol (SCOEL) u tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), magħmul minn tliet membri sħaħ minn kull Stat Membru, li jirrappreżentaw il-gvernijiet nazzjonali, it-trade unions u l-organizzazzjoni ta' min iħaddem, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC). Hemm bżonn li tinkiseb ukoll data epidemjoloġika dwar l-inċidenza tal-kanċer u dwar mard u kundizzjonijiet ikkorrelatati mal-

espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fost il-ħaddiema f'dawn l-aħħar tliet deċennji.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Hemm bżonn li tiġi enfasizzata l-importanza li l-ħaddiema jiġu protetti kontra l-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi reprotossiċi. Fuq il-post tax-xogħol, l-irġiel u n-nisa ta' spiss jiġu esposti għal taħlita ta' sustanzi, li jistgħu jżidu r-riskji għas-saħħa, jikkawżaw effetti negattivi fuq is-sistemi riproduttivi tagħhom u tfixkil fil-fertilità jew infertilità, u għandhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-fetu u l-produzzjoni ta' ħalib għat-treddiġh. Is-sustanzi li huma tossiċi għar-riproduzzjoni huma ta' tħassib kbir u l-organizzazzjoni tal-prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol għandha tapplika l-istess approċċ bħal dak applikat għall-karċinoġeni u l-mutaġeni. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija neċessarja sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE-2020 li 75 % tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena jkunu f'impjeg sal-2020. Peress li mhux is-sustanzi reprotossiċi kollha huma sustanzi li fir-rigward tagħhom jeżisti livell limitu, huwa ta' importanza kbira li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/7/KE jitwessa' sabiex jiġu inklużi s-sustanzi reprotossiċi ħalli tinġieb f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} u sabiex il-ħaddiema u wliedhom ikunu protetti aħjar u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni iktar sikura tan-nisa fuq il-post tax-xogħol.

1a. Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Minħabba n-nuqqas ta' data konsistenti dwar l-espożizzjoni għas-sustanzi, hemm bżonn li l-ħaddiema esposti jew il-ħaddiema li jinsabu f'riskju ta' espożizzjoni jiġu protetti permezz tal-infurzar tas-sorveljanza tas-saħħa, aktar milli ssir sorveljanza biss meta jkun meqjus neċessarju. Għalhekk, jenħtieġ li s-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema, li għalihom ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/37/KE jiżvelaw riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà, titkompla anke fit-tmiem tal-ħajja tax-xogħol u titwettaq mill-Istati Membri. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex tiġi żgurata sorveljanza tas-saħħa tul il-ħajja għall-ħaddiema esposti kollha.

Emenda 6

**Proposta għal direttiva
Premessa 2c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) Il-ġbir ta' data b'mod xieraq u konsistenti minn min iħaddem min-naħa tal-Istati Membri huwa neċessarju għat-tisħiħ u l-iżgurar tas-sigurtà u l-kura xierqa tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa l-aħjar prattiki ta' ġbir ta' data fost l-Istati Membri u tipproponi kif il-ġbir tad-data jista' jittejjeb. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni għall-finijiet tar-rapporti tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 2d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2d) Ma hemm l-ebda metodoloġija armonizzata għall-kejl tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi reprotossiċi fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa tali metodoloġija tal-Unjoni malajr sabiex, min-naħa waħda, tiġi żgurata protezzjoni simili u ta' livell għoli għall-ħaddiema u, min-naħa l-oħra, jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 2e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2e) Jenħtieġ li tiġi pprovdata aktar trasparenza rigward ir-riskji għas-saħħa mġarrba mill-ħaddiema permezz tal-inklużjoni ta' żewġ kolonni ġodda fl-

*Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE
sabiex jiġi indikat ir-riskju residwu ta'
kanċer assoċjat ma' kull Limitu ta'
Espożizzjoni Okkupazzjonali Vinkolanti u
d-data tal-aħħar stima.*

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 2f (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(2f) B'segwitu għall-emendi tal-
Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE,
previsti f'din id-Direttiva, se jiġu proposti,
fi stadju bikri, valuri limitu ulterjuri għal
sustanzi, taħlitiet u proċessi addizzjonali.
Ġew identifikati bejn 50 u 70 sustanza
minn diversi aġenziji, partijiet interessati
u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa
bħala lista prijoritarja ta' karċinoġeni,
mutaġeni u sustanzi reprotossiċi fuq il-
post tax-xogħol. L-emendi ulterjuri għall-
Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE
jenħtieġ li jinkludu, iżda mhux biss,
sustanzi, taħlitiet u proċessi bħalma huma
l-egżost tal-magni diżil, il-formaldeid, il-
kadmju u l-komposti tiegħu, il-berillju u l-
komposti tiegħu, il-komposti tan-nikil, l-
arseniku u l-komposti tiegħu u l-
akrilonitril.*

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Għal xi karċinoġeni u mutaġeni
huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati l-mezzi
kollha ta' assorbiment, inkluża l-possibilità
ta' penetrazzjoni mill-ġilda, sabiex ikun
żgurat l-aħjar livell possibbli ta'
protezzjoni.

**(3) Għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-
sustanzi reprotossiċi kollha** huwa
neċessarju li jiġu kkunsidrati l-mezzi
kollha ta' assorbiment, inkluża l-possibilità
ta' penetrazzjoni mill-ġilda, sabiex ikun
żgurat l-aħjar livell possibbli ta'
protezzjoni.

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol ("il-Kumitat") jassisti lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-evalwazzjoni tal-aħħar dejta xjentifika disponibbli u jgħinha tippromponi limiti ta' espożizzjoni okkupazzjonali għall-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji kimiċi li għandhom li jiġu ffixsati fil-livell tal-UE skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE⁴⁷ u d-Direttiva. **Għall-aġenti** kimiċi o-toluwidina u 2-nitropropan, ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat u sorsi oħra ta' informazzjoni xjentifika, b'saħħthom biżżejjed u fid-dominju pubbliku, li ġew ikkunsidrati^{48, 49}.

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 05.05.1998, p. 11).

48

<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol77/mono77-11.pdf>
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol99/mono99-15.pdf> u
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol100F/mono100F-11.pdf>

49

<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol1-42/mono29.pdf> u
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol71/mono71-49.pdf>

Emenda

(4) Il-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol ("il-Kumitat") jassisti lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, **fl-identifikazzjoni**, fl-evalwazzjoni **u fl-analiżi fid-dettall** tal-aħħar data xjentifika disponibbli u jgħinha tippromponi limiti ta' espożizzjoni okkupazzjonali għall-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji kimiċi li għandhom li jiġu ffixsati fil-livell tal-UE skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE⁴⁷ u d-Direttiva **2004/37/KE. Fir-rigward tal-aġenti** kimiċi o-toluwidina u 2-nitropropan, ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat u sorsi oħra ta' informazzjoni xjentifika, b'saħħthom biżżejjed u fid-dominju pubbliku, li ġew ikkunsidrati.^{48, 49}.

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 05.05.1998, p. 11).

48

<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol77/mono77-11.pdf>
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol99/mono99-15.pdf> u
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol100F/mono100F-11.pdf>

49

<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol1-42/mono29.pdf> u
<http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol71/mono71-49.pdf>

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Gwidi u prattika tajba żviluppata permezz ta' inizjattivi bħall-"Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema Permezz tat-Trattament u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li fihom is-Silika Kristallina" tad-Djalogu Soċjali (NEPSI) huma strumenti importanti sabiex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji u b'mod partikolari biex **tappoġġa** l-implimentazzjoni effettiva tal-valuri limitu.

Emenda

(6) Gwidi u prattika tajba żviluppata permezz ta' inizjattivi bħall-"Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema Permezz tat-Trattament u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li fihom is-Silika Kristallina" tad-Djalogu Soċjali (NEPSI) huma strumenti importanti **u neċessarji** sabiex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji u b'mod partikolari biex **tiġi appoġġata** l-implimentazzjoni effettiva tal-valuri limitu **u għaldaqstant jenħtieġ li jingħataw kunsiderazzjoni serja.**

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-valuri limitu stipulati fl-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE għall-monomer tal-klorur tal-vinil u għat-trab tal-injam iebes **għandhom** jiġu riveduti fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika aktar riċenti.

Emenda

(7) Il-valuri limitu stipulati fl-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE għall-monomer tal-klorur tal-vinil u għat-trab tal-injam iebes **jenħtieġ li** jiġu riveduti fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika aktar riċenti, **u jenħtieġ li titneħħa d-distinzjoni bejn it-trab tal-injam iebes u t-trab tal-injam artab fir-rigward tal-valur limitu fl-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE kif rakkomandat mill-IARC u mill-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol, li fil-valutazzjoni tar-riskju tiegħu għat-trab tal-injam (SCOEL/SUM/102 final) jikkonkludi li, minħabba d-data disponibbli attwalment u bl-għan li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema, ma jidhirx li huwa rilevanti li ssir distinzjoni bejn trab tal-injam artab u trab tal-injam iebes.**

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) 1,2-Epossipropan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu fit-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli li tinkludi dejta xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġi identifikat livell *ċar* ta' espożizzjoni li taħtu, l-espożizzjoni għal dan il-karċinoġenu mhux mistenni li jwassal għal effetti negattivi. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-1,2-epossipropan.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Din l-emenda ssaħħa il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Emenda

(8) 1,2-Epossipropan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu fit-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli li tinkludi data xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġi identifikat livell **■** ta' espożizzjoni li taħtu, l-espożizzjoni għal dan il-karċinoġenu mhux mistenni li jwassal għal effetti negattivi. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-1,2-epossipropan.

Emenda

(18) Din l-emenda ssaħħa il-protezzjoni tas-saħħa ***u s-sigurtà*** tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom ***bil-kundizzjoni li l-emendi għad-Direttiva 2004/37/KE jiġu trasposti u implimentati kif xieraq mill-Istati Membri u jiġu applikati mill-impriżi u mill-ħaddiema. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol ikollhom riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti biex iwettqu dmiriethom filwaqt li jgħinu lill-impriżi, b'mod partikolari lill-impriżi żgħar u medji (SMEs), jikkonformaw ma' dawn ir-regoli l-ġodda, u jenħtieġ li jikkollaboraw mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u jiddedikaw riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva filwaqt li jevitaw kwalunkwe telf***

ta' impjiegi.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Fl-opinjonijiet tiegħu, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH) jirreferi għal perjodu ta' rieżami għal-limiti ta' Espożizzjoni Okkupazzjonali Vinkolanti għal bosta sustanzi. Qed jiġi ssuġġerit li l-limiti tal-Espożizzjoni Okkupazzjonali Vinkolanti fuq is-silika kristallina respirabbli u t-trab tal-injam iebes jiġu riveduti fi żmien 3 sa 5 snin, l-akrilammid u 1,3-butadjen fi żmien 3 snin, u l-kromu VI fi żmien perjodu xieraq ta' rieżami. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob lill-ACSH tippreżenta opinjonijiet aġġornati fir-rigward ta' dawk is-sustanzi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 19b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19b) Fl-opinjoni tagħha dwar il-fibri taç-çeramika rifrattarji, l-ACSH qablet li huwa meħtieġ Limitu ta' Espożizzjoni Okkupazzjonali Vinkolanti iżda ma rnexxilhiex tilħaq pożizzjoni komuni dwar livell limitu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-ACSH tippreżenta opinjoni dwar Limitu ta' Espożizzjoni Okkupazzjonali Vinkolanti għall-fibri taç-çeramika rifrattarji.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tagħha.

Emenda

(20) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ***l-Artikolu 2 (id-dritt għall-ħajja) u l-Artikolu 31(1) (id-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa b'rabta mas-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tal-ħaddiema)*** tagħha.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Il-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva ***għandhom*** jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'mod partikolari sabiex jittieħed kont tal-interazzjoni bejn il-valuri limitu stabbiliti skont id-Direttiva 2004/37/KE u d-DNELs (Livelli Derivati ta' Bla Effett) derivati għall-kimiċi perikolużi skont dak ir-Regolament.

Emenda

(21) Il-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva ***se*** jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'mod partikolari sabiex jittieħed kont tal-interazzjoni bejn il-valuri limitu stabbiliti skont id-Direttiva 2004/37/KE u d-DNELs (Livelli Derivati ta' Bla Effett) derivati għall-kimiċi perikolużi skont dak ir-Regolament ***sabiex il-ħaddiema jkunu protetti b'mod effettiv.***

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, li huma biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni ***għall-karċinoġeni***, ma jistgħux jintlaħqu b'mod

Emenda

(22) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, li huma biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni ***għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi***

suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, l-UE tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5(4) tat-TFUE, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

reprotossiċi ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, l-UE tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Peress li din tolqot **is-saħħa** tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, l-iskadenza għat-traspożizzjoni **għandu tkun ta' sena**.

Emenda

(23) Peress li din tolqot **il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà** tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, l-iskadenza għat-traspożizzjoni **jenħtieġ li ma tkunx aktar tard minn sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid) Direttiva 2004/37/KE Titolu

Test fis-seħħ

Id-Direttiva 2004/37/KE tal-parlament ewropew u l-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni **jew** mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE)

Emenda

(-1) It-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi** fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE)"

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha bħala l-għan tagħha l-protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għas-saħħa u sigurtà tagħhom, inkluż il-prevenzjoni ta' dawn ir-riskji, li jinqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu minn esposizzjoni għal karċinoġeni jew **mutaġeni** fuq il-post tax-xogħol.

Emenda

(-1a) Fl-Artikolu 1(1), is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Direttiva għandha bħala l-għan tagħha l-protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għas-saħħa u sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' dawn ir-riskji, li jinqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu minn esposizzjoni għal karċinoġeni, **mutaġeni** jew **sustanzi reprotossiċi** fuq il-post tax-xogħol."

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Emenda

(-1b) Fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

(ba) "sustanza reprotossika" tfisser sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossika għar-riproduzzjoni kategorija 1A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Test fis-seħħ

(ċ) "valur limitu" tfisser, jekk mhux imkien ieħor speċifikat, il-medja kkunsidrat fil-funzjoni tal-ħin tal-limitu tal-konċentrazzjoni għal-"karċinoġenu **jew** mutaġenu" fl-arja ġewwa iż-żona ta' respirazzjoni ta' ħaddiem imqabbla mal-perjodu ta' referenza speċifiku kif iddikjarat fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jiġu esposti għal karċinoġeni jew **mutaġeni** b'riżultat tax-xogħol tagħhom.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1e (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

2. Fil-każ ta' kull attività li tista' tinvolvi riskju ta' esposizzjoni għal karċinoġeni jew

Emenda

(-1c) Fl-Artikolu 2, il-punt c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) "valur limitu" tfisser, jekk mhux imkien ieħor speċifikat, il-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin tal-limitu tal-konċentrazzjoni għal "karċinoġenu, mutaġenu **jew sustanza reprotossika**" fl-arja ġewwa ż-żona ta' respirazzjoni ta' ħaddiem imqabbla mal-perjodu ta' referenza speċifiku kif iddikjarat fl-Anness III ta' din id-Direttiva."

Emenda

(-1d) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew x'aktarx ikunu esposti għal karċinoġeni, **mutaġeni** jew **sustanzi reprotossiċi** b'riżultat tax-xogħol tagħhom."

Emenda

(-1e) Fl-Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' kull attività li x'aktarx tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għal

mutaġeni, n-natura, grad u dewmien ta' l-esposizzjoni tal-ħaddiema għandhom jiġu determinati sabiex jagħmluha possibbli li jistmaw kull riskju għas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema u biex tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

L-istima għandha tiġi mġedda regolarment u f'każ meta xi tibdil occurs fil-kondizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw l-esposizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni jew **mutaġeni**.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1g (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Meta l-istima ta' riskju tiġi esegwita, min iħaddem għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-effetti kollha li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari, inter alia, jieħdu qies tax-xewqa li ma jimpjegawx dawn il-ħaddiema f'oqsma fejn jistgħu jiġu f'kuntatt ma' karċinoġeni

karċinoġeni, **mutaġeni** jew **sustanzi reprotossiċi**, in-natura, il-grad u d-dewmien tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għandhom jiġu determinati sabiex jagħmluha possibbli li jiġi vvalutat kwalunkwe riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u jiġu stabbiliti l-miżuri li jridu jittieħdu."

Emenda

(-1f) Fl-Artikolu 3(2) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-istima għandha tiġi mġedda regolarment u fi kwalunkwe każ meta jseħħ kwalunkwe tibdil fil-kondizzjonijiet li jista' jaffettwa l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni, **mutaġeni** jew **sustanzi reprotossiċi**."

Emenda

(-1g) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta l-istima ta' riskju tiġi esegwita, **min iħaddem** għandhu jagħti attenzjoni partikolari għall-effetti kollha li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari, inter alia, jieħu qies tax-xewqa li ma jimpjegax dawn il-ħaddiema f'oqsma fejn jistgħu jiġu f'kuntatt ma' karċinoġeni,

jew mutaġeni.

mutaġeni *jew sustanzi reprotossiċi*."

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1h (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Min iħaddem għandu jnaqqas l-użu ta' karċinoġenu *jew* mutaġenu fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi tibdlu, sa fejn hu teknikament possibbli, b' sustanza, taħlita jew proċess li, taħt il-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom, ma' jkunux perikolużi jew inqas perikolużi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skond kif ikun il-każ.

Emenda

(-1h) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Min iħaddem għandu jnaqqas l-użu ta' karċinoġenu, mutaġenu *jew sustanza reprotossika* fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi jibdilhom, sa fejn hu teknikament possibbli, b'sustanza, taħlita jew proċess li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom, ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skont kif ikun il-każ."

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1i (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Meta ma jkunx teknikament possibbli li *jinnbidel il-karċinoġenu jew* il-mutaġenu *minn sustanza*, taħlita jew proċess li, skond il-kondizzjonijiet ta' l-użu, *mhuwiex perikoluż* jew inqas *perikoluż* għas-saħħa u s-sigurtà, l-prinċipal għandu jiżgura li l-karċinoġenu *jew* il-mutaġenu *huwa*, sa fejn hu teknikament possibbli, *mmanifatturat* u *użat* f'sistema magħluqa.

Emenda

(-1i) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta ma jkunx teknikament possibbli li *l-karċinoġenu*, il-mutaġenu *jew is-sustanza reprotossika jiġu sostitwiti b'sustanza*, taħlita jew proċess li, skont il-kondizzjonijiet tal-użu, *ma jkunux perikolużi* jew *ikunu* inqas *perikolużi* għas-saħħa u s-sigurtà, *min iħaddem* għandu jiżgura li l-karċinoġenu, il-mutaġenu *jew is-sustanza reprotossika jkunu*, sa fejn hu teknikament possibbli, *immanifatturati* u *użati* f'sistema magħluqa."

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1j (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Esposizzjoni m'għandix tkun iktar mill-valur limitu tal-karċinoġenu kif iddikjarat fl-Anness III.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1k (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

5. Kull meta karċinoġenu **jew** mutaġenu **huwa użat**, il-prinċipal għandu japplika l-miżuri li ġejjin:

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1l (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test fis-seħħ

(a) jillimita il-kwantitajiet ta'

Emenda

(-1j) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Esposizzjoni m'għandhiex tkun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu **jew sustanza reprotossika** kif stabbilit fl-Anness III."

Emenda

(-1k) Fl-Artikolu 5(5), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. Kull meta **jintużaw** karċinoġenu, mutaġenu **jew sustanza reprotossika, min iħaddem** għandu japplika l-miżuri li ġejjin:"

Emenda

(-1l) Fl-Artikolu 5(5), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jillimita l-kwantitajiet ta'

karċinoġenu *jew* mutaġenu fuq il-post tax-xogħol;

karċinoġenu, mutaġenu *jew sustanza reprotossika* fuq il-post tax-xogħol;

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1m (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test fis-seħħ

(c) jiddisinja proċessi ta' ħidma u miżuri ta' kontroll ta' l-ingerija sabiex jevita jew inaqas il-ħruġ ta' karċinoġeni *jew* mutaġeni fil-post tax-xogħol;

Emenda

(-1m) Fl-Artikolu 5(5), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jiddisinja proċessi ta' ħidma u miżuri ta' kontroll tal-ingerija sabiex jevita jew inaqas ir-rilaxx ta' karċinoġeni, mutaġeni *jew sustanzi reprotossiċi* fil-post tax-xogħol;

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1n (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test fis-seħħ

(d) jevakwa il-karċinoġeni *jew* mutaġeni mis-sors, mis-sistema ta' estrazzjoni lokali jew mill-ventilazzjoni ġenerali, dawn il-metodi kollha jkunu addattati u kompatibbli bil-ħtieġa li jipproteġu s-saħħa pubblika u l-ambjent;

Emenda

(-1n) Fl-Artikolu 5(5), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jevakwa l-karċinoġeni, il-mutaġeni *jew is-sustanzi reprotossiċi* mis-sors, mis-sistema ta' estrazzjoni lokali jew mill-ventilazzjoni ġenerali, filwaqt li dawn il-metodi kollha jridu jkunu addattati u kompatibbli mal-ħtieġa li jipproteġu s-saħħa pubblika u l-ambjent;"

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1o (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt e

Test fis-seħħ

(e) juża proċeduri addattati eżistenti għat-tkejjiel ta' karċinoġeni **jew** mutaġeni, b'mod partikolari għall-iskoperta bikrija ta' espożizzjonijiet anormali li jirriżultaw minn avveniment mhux previsti jew aċċident;

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1p (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt j

Test fis-seħħ

(j) demarkazzjoni tal-postijiet ta' riskju u użu ta' sinjali ta' twissija u sigurtà adegwati inklużi sinjali ta' "no smoking" fil-postijiet fejn ħaddiema huma esposti jew jistgħu jkunu esposti għal karċinoġeni **jew** mutaġeni;

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1q (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ

(a) l-attivitajiet u/jew proċessi industrijali esegwiti, inklużi r-raġunijiet għal liema l-karċinoġeni jew mutaġeni huma użati;

Emenda

(-1o) Fl-Artikolu 5(5), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) juża proċeduri addattati eżistenti għat-tkejjiel ta' karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi**, b'mod partikolari għall-iskoperta bikrija ta' espożizzjonijiet anormali li jirriżultaw minn avveniment mhux previst jew aċċident;"

Emenda

(-1p) Fl-Artikolu 5(5), il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) iwettaq demarkazzjoni tal-postijiet ta' riskju u juża sinjali ta' twissija u sigurtà adegwati inklużi sinjali ta' "no smoking" fil-postijiet fejn ħaddiema huma esposti jew jistgħu jkunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi**;"

Emenda

(-1q) Fl-Artikolu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-attivitajiet u/jew il-proċessi industrijali esegwiti, inklużi r-raġunijiet għal liema l-karċinoġeni, il-mutaġeni **jew is-sustanzi reprotossiċi** huma użati;"

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1r (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ

(b) il-kwantitajiet ta' sustanzi jew taħlitiet immanifatturati jew użati li fihom karċinoġeni jew mutaġeni;

Emenda

(-1r) Fl-Artikolu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-kwantitajiet ta' sustanzi jew taħlitiet immanifatturati jew użati li fihom karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi;"

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1s (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1t (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

Emenda

(-1s) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6a

Informazzjoni għall-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva bħala parti mir-rapporti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE."

Emenda

(-1t) Fl-Artikolu 10(1), il-parti

1. Min iħaddem għandu l-obbligu, f'każ ta' l-attivitajiet kollha għal liema hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn karċinoġeni **jew** mutaġeni, li jieħdu miżuri addattati biex jiżguraw li:

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1u (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ

(a) ħaddiema ma jieklux, jixorbux jew ipejjpu fl-postijiet tax-xogħol fejn hemm ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn karċinoġeni **jew** mutaġeni;

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1v (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Min iħaddem għandu jinformaw lil ħaddiema fuq l-installazzjonijiet u kontenituri relatati li fihom karċinoġeni **jew** mutaġeni, jiżguraw li l-kontenituri kollha, pakketti u installazzjonijiet li fihom karċinoġeni **jew** mutaġeni huma tikkettati b'mod ċar u li jinqara, u juru sinjali ta' twissija u periklu b'mod ċar u viżibli.

introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“1. Min iħaddem għandu l-obbligu, fil-każ tal-attivitajiet kollha għal liema hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi**, li jieħu miżuri addattati biex jiżgura li:”

Emenda

(-1u) Fl-Artikolu 10(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-ħaddiema ma jieklux, ma jixorbux jew ma jpejpux fil-postijiet tax-xogħol fejn ikun hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn aġenti karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi**.”

Emenda

(-1v) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema fuq l-installazzjonijiet u l-kontenituri relatati li fihom karċinoġeni, mutaġeni, **jew sustanzi reprotossiċi** jiżgura li l-kontenituri, il-pakketti u l-installazzjonijiet kollha li fihom karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi** huma tikkettati b'mod ċar u li jinqara, u juru sinjali ta' twissija u periklu b'mod ċar u viżibli.”

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1w (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skond il-liġijiet nazzjonali u/jew prattika, arranġamenti għal esegwiment ta' sorveljanza tas-saħħa ***tal-ħaddiema*** rilevanti għal minn ir-riżultati ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa u sigurtà

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1x (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu tali li kull ħaddiem ***għandu jkun kapaċi li jgħaddi minn***, jekk addattat, sorveljanza tas-saħħa rilevanti:

- qabel l-espożizzjoni,
- f'intervalli regolari ***wara hekk***.

Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu hekk li huwa direttament possibbli biex timplimenta miżuri ta' iġene individwali u

Emenda

(-1w) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skont il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali, arranġamenti għal esegwiment ta' sorveljanza tas-saħħa ***tul il-ħajja*** rilevanti ***għal ħaddiema li għalihom*** ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa u sigurtà."

Emenda

(-1x) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jippermettu*** li kull ħaddiem ***issirlu***, jekk ikun addattat, sorveljanza tas-saħħa ***tul il-ħajja*** rilevanti:

- qabel l-espożizzjoni,
- f'intervalli regolari ***matul il-perjodu ta' espożizzjoni***,
- ***wara t-tmiem tal-espożizzjoni u wara t-tmiem tal-impjeg tagħhom***.

Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu tali sabiex ikun direttament possibbli li jiġu implimentati miżuri ta' iġene individwali u

fuq il-post tax-xogħol.

fuq il-post tax-xogħol.

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1y (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 14 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Jekk ħaddiem jiġi misjub li qed issoffri minn anormalità li hi suspetta li tkun riżulta ta' esposizzjoni għal karċinoġeni **jew** mutaġeni, t-tabib jew awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema jista' jeħtieġ ħaddiema oħra li ġew esposti bħalu biex jgħaddu minn sorveljanza tas-saħħa. F'dak il-każ, stima mill-ġdid tar-riskju ta' esposizzjoni għandu jiġi esegwit skond l-Artikolu 3(2).

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1z (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 14 – paragrafu 8

Test fis-seħħ

8. Fil-każi kollha ta' kanċer identifikati skond il-liġijiet u/jew il-prattiċi nazzjonali kif irriżultaw minn esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal karċinoġeni **jew** mutaġeni għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti

Emenda

(-1y) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Jekk ħaddiem jinstab li qed issoffri minn anormalità ssuspettata li tkun ir-riżultat ta' espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi**, it-tabib jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema jistgħu jeħtieġu li ħaddiema oħra li ġew esposti bħalu ssirilhom sorveljanza tas-saħħa. F'dak il-każ, għandha ssir valutazzjoni mill-ġdid tar-riskju ta' espożizzjoni skont l-Artikolu 3(2).”

Emenda

(-1z) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Il-każijiet kollha ta' kanċer identifikati skont il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali li rriżultaw minn espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal karċinoġenu, mutaġenu jew **sustanza reprotossika**, għandhom jiġu notifikati lill-awtorità kompetenti.”

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1aa (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1aa) *Fl-Artikolu 15, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:*

"2a. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(8) ta' din id-Direttiva bħala parti mir-rapporti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE."*

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1ab (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

(-1ab) *Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

1. Il-Kunsill għandu, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 137(2) tat-Trattat, iddikjarat valuri limitu fid-Direttivi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni għad-disposizzjoni, inkluż data xjentifka u teknika, li dwarha daww il-karċinoġeni ***jew mutaġeni*** kollha għal liema dan huwa possibbli, u, fejn neċessarju, disposizzjonijiet relatati oħra.

"1. Il-Kunsill għandu, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 137(2) tat-Trattat, jistabbilixxi valuri limitu fid-Direttivi fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża data xjentifka u teknika, dwar daww il-karċinoġeni, ***il-mutaġeni u s-sustanzi reprotossiċi*** kollha għal liema dan huwa possibbli, u, fejn neċessarju, disposizzjonijiet relatati oħra."

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1ac (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

**(-1acv) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2
huwa sostitwit b'dan li ġej:**

2. Aġġustamenti purament tekniċi għall-Anness II fid-dawl tal-progress tekniku, tibdil fl-ispeċifikazzjonijiet jew regolamenti internazzjonali u sejbiet ġodda fil-qasam ta' karċinoġeni **jew** mutaġeni għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

"2. Aġġustamenti purament tekniċi għall-Anness II fid-dawl tal-progress tekniku, tibdil fl-ispeċifikazzjonijiet jew regolamenti internazzjonali u sejbiet ġodda fil-qasam ta' karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi** għandhom jiġu addottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE."

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Anness II – punt 1

Test fis-seħħ

Emenda

**(1a) Fl-Anness II, il-punt 1 huwa
sostitwit b'dan li ġej:**

1. It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema esposti għal karċinoġeni **jew** mutaġeni għandhom ikunu familjari mal-kondizzjonijiet jew ċirkostanzi ta' esposizzjoni ta' kull ħaddiem.

"1. It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema esposti għal karċinoġeni, mutaġeni **jew sustanzi reprotossiċi** għandhom ikunu familjari mal-kondizzjonijiet jew ċirkostanzi ta' esposizzjoni ta' kull ħaddiem."

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Anness
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – parti A

Test propost mill-Kummissjoni

Nru tas-	Nru tal-KE	L-ISEM	TAL-	IL-VALURI LIMITU (3)	Notazzjoni
----------	------------	--------	------	----------------------	------------

SAK (1)	(2)	AĠENT	mg/m ³ (5)	ppm (6)	f/ml(7)	(4)
–	–	Trab tal-injam <i>iebes</i>	3 (8)	–	–	–
–	–	Komposti tal-kromju (VI) li huma karċinoġeni, fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) (i) tad-Direttiva (bħala kromju)	0,025	–	–	–
–	–	Fibri taċ-Ċeramika Refrattarji li huma karċinoġeni fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) (i) tad-Direttiva	–	–	0,3	–
–	–	Trab Respirabbli tas-Silika Kristallina	0,1 (9)	–	–	–
71-43-2	200-753-7	Benżen	3,25	1	–	ġilda
75-01-4	200-831-0	Monomer tal-klorur tal-vinil	2,6	1	–	–
75-21-8	200-849-9	Ossidu tal-etilen	1,8	1	–	ġilda
<u>75-56-9</u>	200-879-2	1,2-Epossipropan	2,4	1	–	–
79-06-1	201-173-7	Akriammid	0,1	–	–	ġilda
79-46-9	201-209-1	2-Nitropropan	18	5	–	–
95-53-4	202-429-0	<i>o</i> -toluwidina	0,5	0,1	–	–
106-99-0	203-450-8	1,3-Butadjen	2,2	1	–	–
302-01-2	206-114-9	Idrazina	0,013	0,01	–	ġilda
593-60-2	209-800-6	Bromoetilena	4,4	1	–	–

¹ Nru tas-SAK: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

² Nru KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

³ Imkejjel jew kkalkulat fir-rigward ta' perjodu referenzjarju ta' tmien sigħat.

⁴ Kontribut sostanzjali fil-piż tal-ġisem kollu permezz tal-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.

⁵ mg/m³ = milligrammi għal kull metru kubu ta' arja f'20°C u 101,3 Kpa (pressjoni ta' merkurju ta' 760 mm).

⁶ ppm = partijiet għal kull miljun għal kull volum fl-arja (ml/m³).

⁷ f/ml = fibri għal kull millilitru.

⁸ Frazzjon inalabbli: ***jekk it-trab tal-injam iebes jitħallat ma' trab ta' injam ieħor, il-valur limitu għandu japplika għat-trab kollu tal-injam preżenti f'din it-taħlita.***

⁹ Frazzjoni respirabbli.

Emenda

Nru tas-SAK (1)	Nru tal-KE (2)	L-ISEM TAL-AĠENT	IL-VALURI LIMITU(3)			Notazzjoni (4)
			mg/m ³ (5)	ppm (6)	f/ml(7)	
–	–	Trab tal-injam	2 (8)	–	–	<i>Trab tal-injam iebes: 3 mg/m³ sa XXXX (5 snin wara d-dħul fis-seħħ) Trab tal-injam artab: 5 mg/m³ sa XXXX (5 snin wara d-dħul fis-seħħ)</i>
–	–	Komposti tal-kromju (VI) li huma karċinoġeni, fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) (i) tad-Direttiva (bħala kromju)	0,001	–	–	–
–	–	Fibri taċ-Ċeramika Refrattarji li huma karċinoġeni fit-tifsira	–	–	0,3	–

		tal-Artikolu 2(a) (i) tad-Direttiva				
–	–	Trab Respirabbli tas-Silika Kristallina	0,05 ⁽⁹⁾	–	–	<i>Valur tranżitorju ta' 0,1 mg/m³ sa XXXX (10 snin wara d-dħul fis-seħħ) - li jrid jiġi rieżaminat 5 snin wara d-dħul fis-seħħ</i>
71-43-2	200-753-7	Benżen	3,25	1	–	ġilda
75-01-4	200-831-0	Monomer tal-klorur tal-vinil	2,6	1	–	–
75-21-8	200-849-9	Ossidu tal-etilen	1,8	1	–	ġilda
<u>75-56-9</u>	200-879-2	1,2-Epossipropan	2,4	1	–	–
79-06-1	201-173-7	Akrilammid	0,1	–	–	ġilda
79-46-9	201-209-1	2-Nitropropan	18	5	–	–
95-53-4	202-429-0	<i>o</i> -toluwidina	0,5	0,1	–	–
106-99-0	203-450-8	1,3-Butadjen	2,2	1	–	–
302-01-2	206-114-9	Idrazina	0,013	0,01	–	ġilda
593-60-2	209-800-6	Bromoetilena	4,4	1	–	–

¹ Nru tas-SAK: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

² Nru KE, jġigifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

³ Imkejjel jew kkalkulat fir-rigward ta' perjodu referenzjarju ta' tmien sigħat.

⁴ Kontribut sostanzjali fil-piż tal-ġisem kollu permezz tal-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.

⁵ mg/m³ = milligrammi għal kull metru kubu ta' arja f'20°C u 101,3 Kpa (pressjoni ta')

merkurju ta' 760 mm).

⁶ ppm = partijiet għal kull miljun għal kull volum fl-arja (ml/m^3).

⁷ f/ml = fibri għal kull millilitru.

⁸ Frazzjon inalabbli.

⁹ Frazzjoni respirabbli.